Kunsill Lokali

Local Council

Ix-Xewkija

---

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex nhar l-20 ta' Diċembru 2024. Il-laqgħa bdiet fl-4.00 ta' wara nofsinhar.

---

**PREŻENTI:**

Simona Refalo – Sindku

Paul Azzopardi - Viċi Sindku

Josef Charles Hili – Kunsillier

Jeanelle Attard – Kunsilliera

George Zammit – Kunsillier

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Michelle Sciberras - Segretarju Eżekuttiv

11.1 **Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

11.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

11.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

11.2.1 Il-Minuti tal-Laqgħa ġew preżentati fuq il-mejda tal-Kunsill. Dawn inqraw mill- membri preżenti. Il-Minuti ġew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u sSegretarju rispettivament.

11.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku;**

11.3.1 Is-Sindku Simona irrimarkat illi l-VAT no tal-kunsill kellu jerga' jigi rregistrat minhabba l-fatt li issa hemm bzonnu ghas-sub post office. Dan kien ghadu fuq l-isem tas-Segretarju Ruben Cassar minn xi tlett legizlaturi precidenti. Kompliet telabora fuq is-sub post office u qalet li se jkun hemm haddiema u zewg haddiema ohra bhala assistant principal u executive officer. Hi issuggeriet ukoll li nsibu xi nies biex jitrangaw il-bankini u t-toroq. Hawnhekk kien hemm r-rispons tal-Kunsillier George fejn tenna li dan ghandu jsir mill-Ministeru ghal-Ghawdex u b'hekk il-kunsill ma jkollux spejjez zejda.

11.3.2 Is-Sindku semmiet ukoll il-punt tal-vann tal-komunita' tirrikjedi haddiem biex din topera.

11.3.3 Is-Segretarja Michelle Haber tkellmet dwar l-invoices pendent li kienu jmorru lura ghas-sena 2023. Fost dawn kien hemm invoice partikolari tas-Silhouette li tammonta ghal Eur 730. Se ssir xi verifika biex naccertaw li din ghadha veru pendenti u ma thallsitx diga. Kien hemm ukoll punt dwar il-mili tal-formula tal-FS4. Is-segretarja spjegat kif se titnaqqas it-taxxa ghal kull kunsillier inkluz is-sindku. It-taxxa li thallset zejda fuq il-Kunsillier George u s-Sindku Simona, dawk se jigi moghtija lura minhabba li wahda studenta u l-iehor pensjonant.

11.3.4 Triq Kraba hdejn il-bus stop hemm bzonn dog bin

11.3.5 Triq tal-Kanal qrib il-wasteserve hdejn is-sleeping police intalbet mera minn Zakkarija Attard

11.3.6 L-Ghaqda tan-Nar talbu formalment lill-Kunsill ghall-ghotja ta' EUR 950 pero gie miftihem li jinghataw biss EUR 300 ghall-kalendarju annwali 2025.

11.3.7 Triq Sant'Elizabetta hdejn l-ex Telemalta Jimmy Xiberras talab biex jinghata permess mill-Kunsill biex ikun jista' jitfa d-dghajjes ghal perjodu qasir biex isir xi xoghol fuqhom madankollu l-Kunsill rrimarka li hemmhekk jaghmel mal-INDIS u ma jaqax taht il-Kunsill.

11.3.8 Triq San Gwann il-Battista intalbet biex l-ahhar parti tkun one-way. Qablu biex isir studju ma' Transport Malta rigward immanigjar tat-traffiku ta' Windmill Str., Indipendence Str u St. John inkluza.

11.3.9 Triq tal-Gruwa hdejn il-JCR, it-trakkijiet qed jghaddu min Triq is-Salib. Gie diskuss li Triq tal-Lewz trid titranga u idealment mill-JCR 'l fuq lejn ix-Xewkija ma jghaddux iktar trakkijiet mill-kbar u makkinarju kbir.

11.4 **Tender ta' Tindif**

Sa Sindku Simona semmiet illi l-kuntratt tat-tindif gie fi tmiemu fl-ahhar ta Ottubru'2024. Hija sostniet illi l-ispiza kienet qed tiswa lill-kunsill kwazi 4000 euro fix-xahar. Hija nnutat illi ghalkemm it-tindif kien b'Tender, il-prezz ma kienx ikun l-istess ta' kull xahar. Sindku saqsiet lill-kunsilliera prezenti jekk ghandhomx xi proposta jew idea ta' kif jista' jsir it-tindif fir-rahal.

Il-kunsilliera Jeanelle ghaddiet suggeriment illi t-tindif jerga jinghata lill-ghaqdiet tar-rahal. Din tkun ghajnuna ghall-ghaqdiet pero' fl-istess hin ikunu qed jaghtu servizz lir-rahal. Il-kunsilliera Jeanelle qalet b'hekk l-ispiza ghandha tkun ferm irhas. Hija tenniet li kieku tajjeb naghtu prova lill-ghaqdiet ghal 6 xhur

izda s-Sindku qalet li tippreferi li kieku taghti prova ghal xahrejn qabel wiehed jikkommetti ruhu ghal tul ta' zmien.

Sa Sindku Simona ddiskutiet mal-Accountant tal-kunsill jekk hux possibbli jiddahhlu xi nies bhala haddiema mal-kunsill ghat-tindif madwar ir-rahal.

Il-kunsillier George semma illi qed ikellmuh ir-residenti fuq il-hmieg mar-rahal u enfazizza li hemm bzonn tindifa sew. Huwa ssuggerixxa illi sakemm jitlesta t-Tender hemm bzonn li tohrog Direct Order. Il-kunsillier George qajjem il-punt illi min ser jiehu hsieb it-tindif tar-rahal irid ikun responsabbli u x-xoghol isir sew u kif suppost. Huwa ssuggerixxa illi tohrog Tender.

Sa sindku Simona tat l-opinjoni taghha u qalet illi l-ahjar tinhareg Tender, filwaqt li l-kunsillier George rega gibed l-attenzjoni biex jekk ikun hemm il-ftehim mal-ghaqdiet u l-kumitati, dawn iridu jkunu lesti li jnadfu sew, responsabbli u accountable. Hawnhekk irrimarka illi jkun hemm rapprezentant wiehed li jirrapprezenta l-ghaqdiet kollha.

Il-Kunsillier Josef Hili rrimarka illi fix-xahar ta' Gunju minhabba l-hafna impenji tal-ghaqdiet dat-tindif se jkun problema ghaliex ma jkollhomx hin f'idejhom bizejjed il-voluntiera u b'hekk it-tindif fl-aktar gimgha\xahar important ibati r-rahal.

11.5 **Korrispondenza u Ilmenti;**

| | |
|---|---|
| Thu 28/11/2024 10:28 | Office of the Ombudsman - Newsletter - November 2024 |
| Fri 29/11/2024 09:20 | L-Għid f'Għawdex 2025 / Easter in Gozo 2025 - Data ta' Skadenza / Deadline |
| Fri 29/11/2024 09:46 | Ħoti tad-demm f'Għawdex tul Diċembru 2024 |
| Fri 29/11/2024 13:30 | Roadshow Truck Visit |
| Fri 29/11/2024 15:20 | Pontifikal 50 Sena Malta Repubblika |
| Sat 30/11/2024 12:36 | Għoti tad-Demm f'Għawdex – It-Tlieta 24 ta' Diċembru |
| Sat 30/11/2024 16:24 | Second "Insett Uniku: Ngħarblu x'Qalulna" Community Meeting Discusses Challenges Faced By The Maltese Honey Bee |
| Sat 30/11/2024 16:39 | Il-ktieb 'Sika - tfuliti fil-gżira ta' Għawdex |
| Sun 01/12/2024 13:02 | Empowering Local Councils: Proposed Bye-laws for the Retention of Wild Vegetation Along Rural Pathways |
| Mon 02/12/2024 08:17 | Cluster Marketing Masterclass - The Power of Thriving and Maximising Segments |
| Mon 02/12/2024 09:00 | Batteries for Hospice - Collection |
| Mon 02/12/2024 09:42 | Republic Day 2024 - Parade & Investiture Ceremony - Invitation |
| Mon 02/12/2024 11:38 | How Sales Professionals Should Be Using AI To Win More Business |
| Mon 02/12/2024 13:21 | This week at the Manoel: Homage to Puccini |
| Mon 02/12/2024 14:25 | VO Information and Events |
| Mon 02/12/2024 14:36 | Bamboo Serving Boards |
| Tue 03/12/2024 09:09 | Accredited Level 5 Award in High Impact Recruitment and Selection Techniques |
| Tue 03/12/2024 13:03 | Aqbad ktieb ħa nilagħbu |
| Tue 03/12/2024 15:14 | Dal-Milied nieħdu ħsieb lil xulxin! |
| Tue 03/12/2024 15:15 | MHAL Christmas donation box for Children's homes in Haz Zabbar |

| | |
|---|---|
| Wed 04/12/2024 09:28 | Spread the Christmas Spirit with Magic Malta 91.7! |
| Wed 04/12/2024 09:42 | FSW Weekly Digest Issue 406 |
| Wed 04/12/2024 10:11 | Request for photos/videos of Christmas Decorations by Local Councils |
| Wed 04/12/2024 10:23 | MCVS News Alert |
| Thu 05/12/2024 08:56 | Inizjattiva Milied Solidali 2024 mill-Kunsill Reġjonali Għawdex |
| Thu 05/12/2024 12:47 | MFWS \| Invitation to the RIGHTS Project – A Year Later |
| Thu 05/12/2024 14:30 | Cir AKL 2024/083 Polza tal-Assigurazzjoni tas-sahha 2025 |
| Thu 05/12/2024 14:46 | PQ 24073-Ix-Xewkija - Każ ta' ħtif ta' art pubblika |
| Thu 05/12/2024 17:37 | November issue of "The Maltese Presence in North America" |
| Thu 05/12/2024 20:34 | 'It-Twelid tal-Feddej' - Wirja ta' Presepji 2024 |
| Fri 06/12/2024 07:32 | REMINDER : Rigal B'Imħabba |
| Fri 06/12/2024 08:06 | Signs re shepherding School Childen |
| Fri 06/12/2024 09:55 | Vacant post of Operations and logistics (Assistant Principal Scale 11) |
| Fri 06/12/2024 14:01 | Stedina: Sessjoni ta' Informazzjoni |
| Fri 06/12/2024 14:11 | Re: Invitation - Christmas Concert & Celebration Day at Xewkija Primary School |
| Fri 06/12/2024 16:00 | Kreazzjoni Event |
| Fri 06/12/2024 19:28 | Il-Fondazzjoni Onorata Waqt Iċ-Ċerimonja tal-Premju Nazzjonali għall-Volontarjat |
| Sun 08/12/2024 10:31 | This week at the Manoel: The Nutcracker |
| Mon 09/12/2024 08:17 | Persuasive Presentation Skills, Public/Corporate Speaking and Communication for Leaders Masterclass |
| Mon 09/12/2024 11:00 | 23rd & 26th December Library closed |
| Tue 10/12/2024 06:56 | Donation of Vacation Leave/ Time-Off-In-Lieu by Public Employees to the Central Fund |
| Tue 10/12/2024 09:31 | L-Għid f'Għawdex 2025 / Easter in Gozo 2025 - Tfakkira ta' Data ta' Skadenza / Reminder on Deadline |
| Tue 10/12/2024 09:39 | Employment Law Seminar: An Insight into Trending Topics |
| Tue 10/12/2024 11:39 | VO Information and Events |
| Tue 10/12/2024 12:22 | Sejha - Haddiem Manwali fi Skala 18 |
| Tue 10/12/2024 15:25 | RE: Cir AKL 2024/078_Christmas Football Tournament, b' risq il-Malta community Chest Fund. |
| Wed 11/12/2024 09:43 | Reminder: Cirkulari Numru 5/2024 |
| Wed 11/12/2024 10:39 | FSW Weekly Digest Issue 407 |
| Wed 11/12/2024 11:46 | MCVS News Alert |
| Wed 11/12/2024 12:27 | Re: Car accident / 19.10.24 |
| Wed 11/12/2024 13:41 | NCPE Newsletter - Equality Matters - Issue 16 |
| Wed 11/12/2024 15:53 | The Mdina Experience / The Knights of Malta special Discount |
| Wed 11/12/2024 16:16 | Ċirkulari Nru 06/2024 - Allokazzjoni Finanzjarja għall-2025 |
| Thu 12/12/2024 14:06 | INVITE RECEPTION - 19 DECEMBER 2024 |
| Thu 12/12/2024 16:32 | Rigal b'imħabba \| Melodija ta' Ġenerożita' |

ILMENTI

SR

3/12/2024 Rapport dwar ġebel imwaqqa' minn ħajt tas-sejjieħ fi Triq it-Taflija.

3/12/2024 Talba biex il-bank tal-injam li hemm fi Triq Santa Marija qrib Triq Kraba, jittwaħlu l-listi tal-injam eqreb lejn xulxin.

4/12/2024 Ilment dwar l-għeluq ta' Triq tal-Ħamrija filgħodu fil-ħin tal-iskola. Ir-resident ilment li t-triq qed tingħalaq mat-tmienja neqsin kwart, mentri t-tabella tgħidlek li fit-tmienja tingħalaq it-triq.

4/12/2024 Ilment mingħand is-Sa Claire Agius dwar diversi residenti li joħorġu oġġetti bħal (siġġijiet, kaxxi, etc) quddiem ir-residenza tagħhom sabiex ħadd ma jipparkja minflokhom.

4/12/2024 Ilment mingħand ir-residenti ta' Triq San Anard li l-ġbir tal-iskart ma jgħaddiex dejjem fl-istess ħinijiet.

5/12/2024 Suġġeriment mingħand ir-residenti ta' Triq San Ġwann sabiex ma jitħallewx jgħaddu aktar vetturi kbar.

5/12/2024 Ilment mingħand ir-residenti ta' Vjal il-Labour dwar karozzi bla number plate kif ukoll dgħajjes ipparkjati fit-triq. Ir-residenti lmentaw ukoll dwar kuntrattur/kumpanija (Damjan) li qed jagħmel użu minn Vjal il-Labour bl-inġenji tiegħu. Kawża t'hekk qed jinħoloq inkovenjent għar-residenti ta' dik it-triq.

6/12/2024 Talba mill-Gozo Model Car Club sabiex il-Kunsill jipprovdi Mobile Toilet waqt l-attivitajiet li jkollhom darbtejn f'xahar fit-trakka tagħhom ġewwa ta' Xħajma. Għax-xahar ta' Diċembru l-attivitajiet ser isiru fis-7 u fil-21 ta' Diċembru.

6/12/2024 Talba sabiex jitnaddaf il-wied li hemm fi Triq Bir il-Franċiżi peress li mtela' terrapien.

6/12/2024 Talba mir-residenti ta' Triq Sant Eliżabetta sabiex issir Parking Bay għall-muturi qrib ir-residenzi tal-blokka The Dome.

9/12/2024 Ilment mingħand is-Sur Salvu Vella dwar ħajt tas-sejjieħ imwaqqa' fi Triq tal-Kanal quddiem ir-residenza tiegħu, 44, Triq tal-Kanal.

9/12/2024 Diversi lmenti dwar ħmieġ fit-toroq, fosthom ħaxix fi Triq tal-Kanal, ħmieġ fi Triq ta' Kraba u anke Triq Widnet il-Baħar b'mod speċjali nhar ta' Sibt wara l-monti.

10/12/2024 Ilment mingħand ir-residenti dwar klieb mingħajr ma jkunu biċ-ċinga tas-sid fi Ġnien il-Ħaddiem.

10/12/2024 Ilment mingħand is-Sur John Farrugia dwar ir-rilokazzjoni li saret fl-aħħar jiem tal-Bring In Sites fi Triq tal-Loġġa. Huwa lmenta li dawn ġew qrib ir-residenza tal-familja.

| | |
|---|---|
| 10/12/2024 | Rapport mingħand il-ħaddiema tal-Kunsill dwar ħsara u vandaliżmu li qed isir ġewwa Ġnien Blankas b'mod speċjali mal-Girna tal-ġebel. |
| 12/12/2024 | Ilment mingħand diversi residenti dwar ħmieġ tal-klieb li qed ikun hemm fic-central strip li tinsab fi Triq tal-Ħamrija qrib Triq tal-Gizi. |
| 16/12/2024 | Talba sabiex tittranġa Trejqet l-Għammiedi peress li fiha ħafna ħofor. |
| 17/12/2024 | Talba mis-Sur Robert Camilleri, sabiex isir double yellow line faċċata tar-residenzi ta' Kraba Court peress li meta jipparkjaw il-karozzi mhux ikunu jistgħu joħorġu bil-vettura mill-garage. Hu talab ukoll biex tiġi nstallata mera. |

11.6 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti;**

11.6.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsilliera preżenti. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

11.6.2 **Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

Il-laqgħa ġiet aġġornata. Il-Kunsilliera qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss tiġi mifthemha l-quddiem.

Simona Refalo

Sindku

Michelle Sciberras

Agent Segretarju Ezekuttiv